**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew – Lejn kunsens imġedded dwar l-infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali: Pjan ta' Azzjoni tal-UE**

*(COM(2014) 392 final)*

(2015/C 230/11)

**Relatur: is-Sur ALMEIDA FREIRE**

Nhar is-16 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew – Lejn kunsens imġedded dwar l-infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali: Pjan ta' Azzjoni tal-UE*

COM(2014) 392 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar id-19 ta' Novembru 2014.

Matul il-...503 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-10 u l-11 ta' Diċembru (seduta tal-10 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'144 voti favur, 3 voti kontra u 2 astensjonijiet.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE japprova l-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni, li jikkonsisti fl-adozzjoni ta':

— pjan ta' azzjoni li jiġġieled kontra l-ksur tal-proprjetà intellettwali fl-Unjoni Ewropea. Dan il-pjan ta' azzjoni fih sensiela ta' miżuri bil-għan li jiffukaw mill-ġdid il-politika tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (DPI) fuq il-ksur li jsir fuq skala kummerċjali, abbażi tal-approċċ hekk imsejjaħ "segwi l-flus" ("follow the money") u

— strateġija għall-protezzjoni u r-rispett tad-DPI fil-pajjiżi terzi, li l-għan tagħha huwa li jiġi stabbilit approċċ fil-livell dinji billi jiġu analizzati l-iżviluppi reċenti u jitressqu soluzzjonijiet sabiex jittejbu l-mezzi ta' azzjoni disponibbli attwalment għall-Kummissjoni, jiġu promossi regoli iżjed stretti fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (PI) fil-pajjiżi terzi u jiġi eliminat il-kummerċ ta' beni ffalsifikati,

fid-dawl tal-fatt li l-ksur tal-proprjetà intelletwali huwa fenomenu dinji li għandu għalhekk jiġi trattat b'mod olistiku.

1.2. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-għan tal-pjan ta' azzjoni li jiġġieled kontra l-ksur tal-proprjetà intellettwali fuq skala kummerċjali, peress li dan jagħmel ħsara lill-investiment fl-innovazzjoni u l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli fl-Unjoni Ewropea, u jikkawża telf ta' dħul għat-teżor.

1.3. Il-KESE jieħu nota tar-rwol li kulma jmur qed isir dejjem iżjed kruċjali li jaqdi l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) fl-iżvilupp u s-segwitu tal-istrateġiji tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tal-promozzjoni u d-difiża tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, fosthom dan l-approċċ "b'diversi miri" li jittratta l-pjan ta' azzjoni.

1.4. Il-KESE jaqbel mal-approċċ prammatiku tal-Kummissjoni li tipprijoritizza għodod bħall-approċċ "segwi l-flus" u s-sehem tal-atturi kkonċernati.

1.5. Il-KESE jista' jaqbel mal-approċċ "b'diversi miri" tal-Kummissjoni, bil-kundizzjoni li dawn il-miri jkunu definiti aħjar u li l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tagħhom ikunu speċifikati; jilqa b'mod partikolari l-kampanji ta' komunikazzjoni tal-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali ("l-Osservatorju") għas-sensibilizzazzjoni taż-żgħażagħ [1] fil-konfront tal-konsegwenzi tal-ksur tal-proprjetà intellettwali, iżda wkoll l-imħallfin u l-professjonisti legali [2].

(1) https://oami.europa.eu/ohimportal/en/web/observatory/news/-/action/view/1251336
(2) Seminar tal-imħallfin dwar il-falsifikazzjoni u l-ħasil tal-flus tas-16 u s-17 ta' Ottubru 2014 fl-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) https://oami.europa.eu/ohimportal/en/web/observatory/news/-/action/view/1574263 Ara wkoll ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73 u COM(2014) 144 final.

1.6. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-attenzjoni li l-Kummissjoni tagħti lill-SMEs biex tiffaċilita l-aċċess tagħhom għar-rimedju legali u jappoġġja wkoll il-proġett Ewropew IPorta, li huwa sistema ta' appoġġ tal-SMEs ([3]) li tikkunsidra kwistjonijiet marbutin mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u tikkoordina l-għajnuna nazzjonali.

1.7. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-mezzi għall-aċċess u l-ħarsien effettiv tal-proprjetà intellettwali fl-Ewropa jkunu aċċessibbli, anke mil-lat finanzjarju, għall-intrapriżi kollha, hu x'inhu d-daqs tagħhom.

1.8. Madankollu, jiddispjaċih li l-approċċ tal-Kummissjoni huwa limitat għal strumenti mhux leġislattivi, u ma jissemmew la l-opportunità li jiġu vvalutati l-istrumenti leġislattivi eżistenti u lanqas ma jidher li hemm l-interess li jiġu riveduti. F'dan ir-rigward, il-KESE jenfasizza li l-Kummissjoni setgħet kienet iżjed ambizzjuża, u tikkunsidra wkoll dan il-parametru.

1.9. Barra minn hekk, huwa jesprimi n-nuqqas ta' qbil tiegħu mar-rwol esaġerat li l-Kummissjoni qed tattribwixxi għall-implementazzjoni ta' sistemi volontarji, protokolli ta' ftehimiet volontarji u l-aħjar prattiki fir-rigward ta' kwistjonijiet tal-falsifikazzjoni u l-piraterija.

## 2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Il-pjan ta' azzjoni tal-UE "Lejn kunsens imġedded dwar l-infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali" fih għaxar azzjonijiet speċifiċi li jipprevedu politika ġdida għall-ħolqien u l-użu ta' għodod li jiġġieldu, b'mod partikolari, l-attivitajiet li jiġġeneraw ksur tal-proprjetà intellettwali fuq skala kummerċjali. Dawn l-attivitajiet jagħmlu l-iżjed ħsara u jirrappreżentaw sfida sostanzjali għall-UE peress li huma ta' detriment għall-investiment fl-innovazzjoni u l-ħolqien ta' impjiegi dewwiema, u jikkawżaw telf tad-dħul għat-teżor.

2.2. Dawn l-għodod ġodda, li bħalissa mhumiex leġislattivi, jinkorporaw firxa ta' azzjonijiet ibbażati fuq l-approċċ "segwi l-flus", u l-għan aħħari huwa li t-trasgressuri li jkunu qed joperaw fuq skala kummerċjali jiġu impediti l-aċċess għal mezzi ta' promozzjoni u distribuzzjoni ta' prodotti ffalsifikati, u li jiġu miċħuda li jiġġeneraw dħul.

2.3. L-għanijiet tal-pjan ta' azzjoni tal-UE "Lejn kunsens imġedded dwar l-infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali" indirizzati fil-Komunikazzjoni tal-Kommissjoni diskussa hawnhekk, u dawk tal-istrateġija għall-protezzjoni u l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fil-pajjiżi terzi huma komuni:

(i) l-użu tal-mezzi kollha possibbli biex jiġu disswaduti u jiġu impediti d-dħul u t-tixrid fis-suq intern ta' prodotti ffalsifikati minn pajjiżi terzi; u

(ii) it-tħeġġiġ tal-investiment, it-tkabbir u l-impjieg fis-setturi dipendenti mill-proprjetà intellettwali, li jokkupaw post importanti ħafna fl-ekonomiji tagħna.

2.4. Aspett importanti ieħor ta' dan il-proċess huwa li l-konsumaturi u l-produtturi jsiru iżjed konxji tal-konsegwenzi tal-ksur tal-PDI permezz ta' dibattiti u tas-sensibilizzazzjoni.

2.5. Fil-livell Ewropew, l-azzjonijiet ser jiġu implimentati mill-Kummissjoni, possibbilment b'mod konġunt mal-UASI, li minn Ġunju 2012 'il hawn iħaddan l-Osservatorju ([4]). Fi studju ppubblikat mill-Osservatorju fil-25 ta' Novembru 2013 ([5]), ħareġ li l-kontributuri għas-sondaġġ, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, ftit li xejn kienu konxji tal-iskala tal-impatt li l-ksur tad-DPI seta' kellu fuq iż-żamma u l-ħolqien ta' impjiegi marbutin mal-proprjetà intellettwali. Minn dan l-istudju ħareġ ukoll li ż-żgħażagħ Ewropej kellhom l-idea li l-infrastruttura tal-proprjetà intellettwali kienu jiggwadanjaw minnha l-iżjed l-intrapriżi l-kbar.

2.6. Għalhekk, il-Kummissjoni għażlet approċċ "b'diversi miri", billi analizzat ir-raġunijiet għala l-prodotti ffalsifikati huma mfittxijin mill-"ġenerazzjoni diġitali". Parti minn din l-istrateġija tinkludi l-iżvilupp, min-naħa tal-Osservatorju, ta' mezzi ta' komunikazzjoni maħsubin biex jissensibilizzaw liċ-ċittadini tal-Unjoni għall-konsegwenzi tal-ksur tad-DPI, b'mod partikolari għall-impjieg u l-ekonomija.

([3]) http://ec.europa.eu/enterprise/initiatives/ipr/what-are-iprs/index_en.htm

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru° 386/2012 tad-19 ta' April 2012 jagħti lill-UASI kompiti differenti bil-għan li tiġi ffaċilitata u appoġġjata l-azzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, tas-settur privat u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ksur tad-DPI. Dawn il-kompiti ma jinkludux il-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet jew stħarriġ individwali min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali, u lanqas l-oqsma taħt it-Titolu V tat-tielet taqsima tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (pereżempju, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija).

([5]) Ara s-sit elettroniku oami.europa.eu Dan l-istudju jsejjes fuq firxa ta' dokumentazzjoni dwar is-suġġett, fuq stħarriġ kwalitattiv fost 250 Ewropew ta' età bejn il-15 u l-65 sena u fuq stadju kwantitattiv li matulu 'l fuq minn 26 000 Ewropew taw fehmiethom matul intervisti bit-telefown.

3. **Kummenti speċifiċi**

3.1. Attwalment, il-Kummissjoni ma tagħtix dettalji dwar il-kontenut ta' dawn il-miżuri, iżda tiżgura li ser tagħmel konsultazzjoni dwar l-għodod mhux leġislattivi abbażi tal-approċċ "segwi l-flus"; l-għan aħħari huwa li t-trasgressuri li jkunu qed joperaw fuq skala kummerċjali jiġu impediti l-aċċess għal mezzi ta' promozzjoni u distribuzzjoni ta' beni ffalsifikati, u li jiġu miċħuda li jiġġeneraw dħul. Dawn l-għodod ser jiġu żviluppati b'mod trasparenti u rigoruż, bil-għan li jiggarantixxu l-effettività tagħhom fil-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

3.2. Dawn ser ikunu appoġġjati minn azzjonijiet ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Ewropej u diskussjonijiet/negozjati mal-pajjiżi terzi. Pereżempju, dan jinvolvi li "jużaw il-mezzi kollha biex isseħħ dissważjoni effikaċi u jimpedixxu d-dħul u t-tixrid ta' prodotti li jiksru PI fis-swieq" tal-UE u dawk tal-pajjiżi terzi.

3.3. Dawn l-għodod "mhux leġislattivi" jiddependu mir-rieda tajba tal-atturi u, għalhekk, pjuttost milli jirrikorru għal strumenti leġislattivi ġodda, jirrikoru għal dawk eżistenti. Il-vantaġġ ta' dawn is-soluzzjonijiet negozjati hija l-ħeffa tal-implimentazzjoni. Dawn il-miżuri preventivi jagħmluha possibbli li tittejjeb l-effettività tal-mezzi ta' rimedju quddiem il-ġurisdizzjonijiet ċivili. Dan l-għan jintlaħaq biss bil-kundizzjoni li dawn il-miżuri jiġu żviluppati b'mod trasparenti, u li jikkunsidraw ukoll l-interessi pubbliċi.

3.4. Il-KESE jqis li dan l-approċċ limitat għall-awtoregolazzjoni, fil-forma ta' "ftehimiet volontarji" jew "prattiki tajbin" ma jistgħax jieħu post l-azzjoni leġiżlattiva f'oqsma li għandhom jiġu regolati minn regolamentazzjoni effikaċi.

4. **L-idea ta' "skala kummerċjali"**

4.1. L-idea ta' "skala kummerċjali", li tħaddan il-miżuri msemmija fil-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni, hija ferm usa' minn kemm wieħed jimmaġina. Barra minn hekk, il-pjan ta' azzjoni huwa pjuttost xott f'dan ir-rigward, iżda l-KESE josserva li l-idea diġà kienet trattat fl-*acquis* tal-Unjoni u li tagħmilha possibbli li tissaħħaħ l-intensità tal-miżuri rimedju b'mandat ta' inibizzjoni u tas-sanzjonijiet ċivili.

4.2. Il-KESE jenfasizza li l-"iskala kummerċjali" tista' tikkonċerna operazzjonijiet li mhux bilfors isiru għal "finijiet kummerċjali".

4.3. L-idea tinsab ukoll fid-Direttiva 2004/48 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ([6]) u hija l-bażi tar-rikors għal ċerti proċeduri taħt il-liġi ċivili. Pereżempju, il-kriterju ta' "skala kummerċjali" jippermetti lill-imħallef nazzjonali jordna miżuri ta' prekawzjoni, bħall-ordni ta' sekwestru ta' proprjetà mobbli jew mhux mobbli tat-trasgressur allegat, li jinkludu l-imblukkar tal-kontijiet bankarji tiegħu/tagħha u assi oħra (Artikolu 9(2) tad-Direttiva). F'ċerti Stati Membri, dan il-kriterju huwa użat ukoll bħala xprun tas-sanzjonijiet kriminali, għalkemm huwa eskluż mill-*acquis* tal-Unjoni.

4.4. Strumenti leġislattivi oħra tal-UE jużaw ideat li jixbhu lil dik ta' "skala kummerċjali"; għalhekk, id-Direttiva 2001/29/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni ([7]) tagħmel referenza għall-kunċetti ta' "natura kummerċjali", "għan kummerċjali", "vantaġġ ekonomiku jew kummerċjali dirett jew indirett" u "użu kummerċjali".

L-Artikolu 13(a) – dwar il-limitazzjoni tad-drittijiet mogħtija mir-reġistrazzjoni ta' disinn –tad-Direttiva 98/71/KE tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-protezzjoni legali ta' disinji ([8]) jipprevedi li: "id-drittijiet mogħtija minn dritt ta' disinn mar-reġistrazzjoni m'għandhomx ikunu eżerċitati għal: l-atti magħmula b'mod privat jew għal għanijiet mhux kummerċjali;"

4.5. Għalhekk, finalment, hija r-responsabbiltà tal-imħallef li jieħu deċiżjoni skont il-każ, bir-riskju li tinħoloq ġurisprudenza inkonsistenti, mhux adatta u, għaldaqstant, inċerta.

4.6. Is-servizzi tal-Kummissjoni, li huma konxji tal-ambigwità tal-idea u tal-inċertezza legali marbuta magħha, ħeġġew lill-Osservatorju jiġbor ġurisprudenza nazzjonali fwar il-ksur tad-DPI, bil-għan, fost l-oħrajn, li l-kunċett jiġi żviluppat iżjed. Barra minn hekk, wara sejħa għal espressjoni ta' interess li tnediet is-sajf li għadda fil-qasam universitarju, bil-għan li jiġu analizzati l-kunċetti ekonomiċi tal-proprjetà intellettwali, fid-19 ta' Settembru 2014 ġie organizzat l-ewwel workshop ekonomiku. F'din l-okkażjoni, ċerti speċjalisti ddiskutew l-użu fil-prattika ta' kunċetti ta' "skala kummerċjali" u ta' "finijiet kummerċjali" fil-kuntest tal-ksur tal-PI ([9]), kif ukoll dwar modi kif dawn jistgħu jiġu indirizzati minn perspettiva ekonomika.

([6]) ĠU L 195, 16.6.2004, p. 16.
([7]) ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10.
([8]) ĠU L 289, 28.10.1998, p. 28.
([9]) http://ec.europa.eu/internal_market/iprenforcement/docs/workshops/140919-workshop_en.pdf

4.7. Fid-dawl tal-ambitu tad-diskussjoni, il-KESE jixtieq li s-servizzi tal-Kummissjoni janalizzaw din il-kwistjoni u jressqu l-konklużjonijiet tagħhom quddiem il-partijiet interessati, fosthom is-soċjetà ċivili.

## 5. **"Segwi l-flus"**

5.1. Il-Komunikazzjoni tittratta wkoll l-Internet u n-netwerks ta' distribuzzjoni fiżika. Hija tkopri l-prodotti diġitali u mhux diġitali, il-kżur tad-drittijiet tal-PI li jagħmlu ħsara lill-ħolqien, il-promozzjoni, id-distribuzzjoni u l-użu tagħhom. Għalhekk, l-approċċ "segwi l-flus" jikkonsisti f'li t-trasgressuri jiġu ddiswaduti jagħmlu kummerċ illeċitu ta' beni ffalsifikati.

5.2. L-implimentazzjoni ta' dan l-approċċ jiżgura li l-atturi rilevanti kollha fil-proċess li jkollhom valur miżjed qawwi fil-qasam tal-PI jieħdu l-miżuri antiċipattivi meħtieġa biex jippreżervaw il-kompetittività tagħhom fis-suq. L-element komuni ta' dawn is-swieq għandu jibqa' dak tal-innovazzjoni bħala inċentiv għall-investiment fl-attivitajiet kreattivi u inventivi.

5.3. Dan għandu jsaħħaħ il-fiduċja fis-swieq diġitali u jagħmel possibbli d-distribuzzjoni ta' prodotti kompetittivi b'valur miżjud qawwi fil-qasam tal-PI, kif ukoll it-tkabbir u l-iżvilupp ta' dawn is-swieq. L-għan immirat huwa li minn politika tal-PI msejsa fuq is-sanzjonijiet u r-rimedju għall-ksur tad-DPI, nersqu lejn perspettiva iżjed preventiva u inklużiva, li tiggarantixxi u toffri lill-konsumatur tas-suq intern firxa wiesgħa u varjata ta' prodotti b'valur miżjud qawwi fil-qasam tal-PI.

5.4. Il-Kummissjoni qed tipproponi li kull sentejn tippubblika rapport ta' segwitu dwar l-implimentazzjoni ta' din il-politika. Il-KESE ser jisħaq li l-ewwel rapport iħaddan indikaturi validi u li jiġi ppubblikat fi żmien propizju.

5.5. It-tisħiħ tas-sigurtà tas-servizzi ta' ħlas b'mezzi ta' rimedju f'każ li jsir xiri mhux intenzjonat ta' beni ffalsifikati tista' wkoll issaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-fiduċja tagħhom fis-suq intern. Rigward dan is-suġġett il-Kummissjoni ħabbret konsultazzjoni pubblika dwar l-impatt tal-proċeduri ta' protezzjoni tal-konsumaturi dwar il-ġlieda kontra l-ksur tad-DPI fuq skala kummerċjali.

5.6. Rigward ir-rabta mill-qrib li tgħaqqad iż-żewġ inizjattivi tal-Kummissjoni u rigward l-importanza tal-approċċ "segwi l-flus", il-KESE jixtieq li l-Kummissjoni tniedi konsultazzjoni wiesgħa dwar il-kwistjoni kruċjali tal-protezzjoni tal-konsumaturi fil-qasam tas-servizzi ta' ħlas u li testendiha wkoll għall-approċċ "segwi l-flus" b'mod ġenerali.

5.7. Il-KESE jitlob ukoll lis-servizzi tal-Kummissjoni jikkonsultaw l-atturi ekonomiċi bil-għan li jagħtu l-kontribut tagħhom dwar li jitqiesu l-benefiċċji tal-falsifikaturi meta jiġu vvalutati d-danni fil-każ ta' beni ffalsifikati ([10]).

## 6. **L-SMEs**

6.1. F'ċerti Stati Membri, il-proprjetà intellettwali jew mhijiex suġġett ta' importanza għal kull waħda minn żewġ SMEs (54 %), jew inkella hija suġġett familjari (46 %) iżda kkunsidrat bħala wieħed għali, kumpless u twil. Din hija sitwazzjoni sorprendenti f'ekonomija ddominata mill-għarfien, fejn elementi mhux materjali bħat-tagħrif espert, ir-reputazzjoni, id-disinn u l-immaġni saru importanti ferm ([11]).

6.2. Barra minn hekk, ċerti ċifri juru li l-SMEs li jinkludu l-proprjetà industrijali fl-istrateġija ta' żvilupp tagħhom jagħtu prestazzjoni ekonomika aħjar mill-oħrajn. B'hekk, it-32 rebbieħ fil-kategorija tal-SMEs tat-Trofej għall-Innovazzjoni tal-2010 organizzati mill-Istitut tal-Proprjetà Intellettwali ta' Franza (INPI Trophées de l'innovation 2010) ħolqu 614-il impjieg bejniethom mill-2006 'l hawn, żiedu l-fatturat tagħhom b'ħames darbiet bejn l-2006 u l-2009 u rduppjaw l-esportazzjonijiet tagħhom. Fl-istess ħin, dawn l-intrapriżi taw spinta lill-isforzi tagħhom fir-R&Ż b'żieda fil-baġit ta' 65,6 % ([12]).

([10]) Pereżempju, fi Franza, il-prinċipju jeżisti diġà (Ara l-Liġi Nru 2014-315 tal-11 ta' Marzu 2014 li ilha fis-seħħ mill-14 ta' Marzu 2014). L-Artikolu L615-7 tal-kodiċi tal-proprjetà intellettwali) kif immodifikat mill-Artikolu 2 tal-liġi msemmija jipprevedi li għall-kalkolu tad-**danni**, il-ġurisdizzjoni għandha tikkunsidra **b'mod distint** il-konsegwenzi ekonomiċi negattivi, il-ħsara morali u l-benefiċċji miksuba mill-falsifikatur, inklużi l-ekonomiji ta' investiment intellettwali, materjali u promozzjonali. Iżda jidher diffiċli li dan jiġi implimentat, ta' spiss minħabba problema ta' provi li l-falsifikatur kiseb benefiċċji.

([11]) http://www.picarre.be/assets/Documents/Rapport-PIPICARR-tlchargeable3.pdf

([12]) http://www.journaldunet.com/economie/magazine/propriete-industrielle.shtml

6.3. Għalhekk, il-KESE jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni li ttejjeb l-aċċessibbiltà tar-rimedju ġudizzjarju lill-SMEs b'mod ġenerali ([13]) u b'mod iżjed speċifiku fit-tilwim tagħhom fil-qasam tal-proprjetà intellettwali. Fil-fatt, l-ispiża finanzjarja u l-kumplessità tal-proċeduri ġudizzjarji ta' spiss jiddiswadu lill-SMEs innovattivi milli jinfurzaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom, fosthom dawk marbutin ma' privattivi essenzjali.

6.4. L-ispejjeż finanzjarji huma fattur deċiżiv biex l-intrapriżi Ewropej jinvestu fl-innovazzjoni. Għalhekk, il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, it-tiġdid tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-protezzjoni tagħhom għandhom ikunu affordabbli. F'dan ir-rigward, il-privattiva unitarja tista' tipprovdi inċentiv lill-intrapriżi, inklużi l-SMEs, lill-intraprendituri żgħażagħ u lin-negozji li jkunu għadhom kemm fetħu (start-ups) biex jipproteġu l-invenzjonijiet tagħhom, bil-kundizzjoni li l-ispejjeż biex tinkiseb il-protezzjoni jkunu raġonevoli u mhux projbittivi. L-intrapriżi għandhom ukoll jiġu żgurati aċċess għall-ġustizzja, inkluż għall-ġurisdizzjoni unitarja għall-privattivi, bi spejjeż raġonevoli.

6.5. L-SMEs għandhom ukoll jadottaw strateġiji għall-kummerċjalizzazzjoni jew id-distribuzzjoni, iżda ħafna minnhom ma jagħmlux dan b'mod effettiv minħabba n-nuqqas ta' ħiliet u għarfien meħtieġa għall-protezzjoni u l-promozzjoni effettivi tad-DPI tagħhom, kif jenfasizza tajjeb il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni.

6.6. F'dan ir-rigward, il-KESE jappoġġja l-proġett Ewropew IPorta li huwa sistema ta' appoġġ ([14]) li tikkunsidra l-kwistjonijiet marbutin mal-protezzjoni tad-DPI u tikkoordina l-għajnuna nazzjonali.

Brussell, l-10 ta' Diċembru 2014.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

---

([13]) Dan l-aħħar, il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħaħ u ttejjeb il-Proċedura Ewropea attwali għal Talbiet Żgħar, li hija proċedura standard disponibbli fl-Istati Membri kollha (Regolament (KE) Nru 861/2007) (GU C 226, 16.7.2014, p. 43).

([14]) http://ec.europa.eu/enterprise/initiatives/ipr/what-are-iprs/index_en.htm